KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

# Rapport Annwali Amministrattiv u ta' Ħidma

Jannar – Diċembru 2014

# Introduzzjoni

## It-Tieni sena tat-Tmien Leġislatura

It-tieni sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat fit-tmien leġislatura.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul is-sena 2014 saru 16 il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura li dawn bdew ikun live streamed fuq www.sannat.gov.mt (minn numru 14 sa' numru 29) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Philip Vella (Sindku) | 16 | 16 | - |
| Frances Galea (Viċi-Sindku) | 16 | 16 | - |
| Joseph Bajada (Kunsillier) | 16 | 14 | 2 |
| Maria Cassar Sultana (Kunsilliera) | 16 | 13 | 3 |
| Margaret Said (Kunsilliera) | 16 | 16 | - |
| Ann Marie Gauci (Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ) | 9 | 2 | 7 |

L-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ spiċċat mill-kariga fl-Lulju 2014 u l-post kien vakanti.

## Minnhom saru ħames (5) Laqgħat Ad Hoc

| Laqgħa | Philip Vella | Frances Galea | Joseph Bajada | Maria Cassar Sultana | Margaret Said | Ann Marie Gauci (Ambaxxatriċi) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 ta' April | √ | √ | | √ | √ | |
| 9 ta' Ġunju | √ | √ | √ | √ | √ | |
| 30 ta' Settembru | √ | √ | √ | √ | √ | √ |
| 25 ta' Novembru | √ | √ | √ | √ | √ | |
| 29 ta' Diċmebru | √ | √ | √ | | √ | |

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita`

Din il-laqgħa kellha issir nhar id-29 ta' Jannar 2014, fejn għalija kienu preżenti l-Kunsillieri kollha biss ħadd mill-pubbliku ma attenda għal din il-laqgħa.

# Xogħol li sar matul is-Sena 2014

Matul din is-sena 2014, l-Kunsill Lokali baqà jaħdem bla waqfien bix-xogħol li kien beda s-sena preċedenti u xogħol l-ieħor il-ġdid li beda jaħdem fuqu matul din is-sena. Għal darba oħra l-Kunsill irnexxielu jwettaq ħafna mill-programm li fassal għas-sena 2014. B'din il-ħidma l-Kunsill kompla jtejjeb il-kwalità tal-ħajja lir-residenti tal-lokal u dawk li jżuruħ, kompla jsebbaħ ir-raħal u fuq kollox isarraf ix-xogħol kontinwu li pprogramma kemm għal ambjent aħjar, infrastruttura u edukazzjoni.

Għalkemm saret bidla fl-amministrazzjoni tal-Kunsill, dan għaliex minn Settembru 2013 sa nofs Frar 2014 l-Amministrazzjoni tal-Kunsill kienet qed titmexxa minn Deputat Segretarju Eżekuttiv, fit-12 ta' Frar 2014 inħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. B'hekk il-Kunsill baqa jaħdem fuq il-programm tal-Kunsill li kien fassal programm ta' ħidma għat 3 snin li ġejjin. Kull Kunsillier ingħata responsabilita ta' xogħol li għandu jieħu ħsieb fejn għandu x'jaqsam infrastruttura, ambjent, kultura, attivitajiet soċjali, indafa, tisbiħ, edukazzjoni, sports, ġemellaġġ u programmi mill-Ewropa. B' dan il-mod, ix-xogħol ikun jista jsir aktar b'mod effiċċjenti u b'ritmu aktar mgħaġġel.

***Toroq***

Fl-2013 il-Kunsill Lokali kien applika minn Miżura 125 (fondi ewropej) fuq parti mit-Triq Bardan fejn f'din is-sena ġie mgħarraf li l-Kunsill kien ibbenefika minn dan il-fond. Wara l-Kunsill flimkien mall-Ministeru għal Ghawdex għamel ftehim biex il-parti ta' quddiem ir-residenti ssir bit-tarmak biex il-parti ta' fuq fejn saret l-applikazzjoni għal dan ix-xogħol, fejn hemm l-egħlieqi tal-bdiewa u l-farms tiġi miksija bil-konkos b'impatt amjentali kif sar b'dawn il-fondi li kienu jammontaw għal €18000. Il-Kunsill issa għadu jisħaqq u jgħamel pressjoni lill-Ministeru għal Għawdex biex titkompla din it-triq quddiem ir-residenti bit-tarmak li tinsab fi stat ħażin .

F'Lulju tlestew it-toroq mill-iskema tal-PPP, dik ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano bit-tarmak, għad fadal li dawn it-toroq jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-Perit u jibda jsir il-ħlas skond il-Kuntratt.

***Fondi mill-Unjoni Ewropej,***

Il-Kunsill kien reġa applika għal fondi ġodda din id-darba minn Miżura 313 (2nd call) minn fondi ewropej għall-proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-istorm water culvert biex nsolvu l-problema tal-għarar tal-ilmijiet tax-xita fix-xitwa u ngħatu dehra ġdida lil din il-pjazzetta li għandha ċerta karateristiċi ta' pjazzetta ta' dari, hekk jgħati x'tifhem il-bini ta' li hemm. Dan il-proġett hu stmat li ser jiswa €198817.43ċ. Il-Kunsill riċenti f'Ottubru li għadda sar jaf li dan ibbenefika u għalhekk waqqa l-applkazzjoni minn Miżura 413 biex beda bix-xogħolijiet biex joħroġ l-offerti apposta. B'hekk ix-xogħolijiet rikjesti ser isiru matul is-sena li ġejja.

Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020 – Għawdex
Tel. No: 21554747, 21565831 - Fax 21563535 - e-mail: sannat.lc@gov.mt

***Ministeru għal Għawdex***

Matul din is-sena wkoll bdew isiru diskussjonijiet mall-Ministeru għal Ghawdex u l-Water Services Corporation dwar il-pajpline il-ġdid mill-Qala għal ġibjun il-ġdid Ta' Ċenċ. Matul dawn id-diskussjonijiet sar qbil li Triq Dun Luqa tingħata kollha bit-tarmak biex din it-triq tkun it-triq alternativa għar-residenti ta' Triq Ta' Ċenċ, Triq Skerla, Triq il-Kalati u anke aċċess għall-Lukanda prominenti Ta' Ċenċ. Dwar dan il-Kunsill jista jgħid li sar qbil u b'hekk il-Kunsill ser jibbenefika triq ġdida bit-tarmak.

***Mġarr ix-Xini Regional Park***

Matul din is-sena saru diversi laqgħat kontinwi dwar il-proġett fil-Wied ta' Imġarr ix-Xini mas-sotto kumitat tar-Regional Park u l-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u dak tax-Xewkija. Hija x-xewqa tal-Kumitat u tal-Kunsill Lokali li jara dan il-proġett realta', iżda dan il-proġett jitlob ammont kbir ta' Euro. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat qed jistenna applikazzjonijiet għal skemi u fondi mill-Unjoni Ewropeja biex ikun jistgħa jgħamel diversi xogħolijiet f'dan il-wied pittoresk. Il-Kunsill Lokali qed jgħamel minn kollox biex il-pompa tal-ilma ta' żmien l-ingliżi li tinsab mitluqa u abbandunata f'dan il-wied tiġi f'idejn il-Kunsill. Din il-pompa hija wirt storiku fil-qasam tal-industrija f'pajjiżna u għalhekk hu ta min din tiġi rrestawrata u li ma jitħalliex li dan il-wirt jibqa mitluq u abbandunat b'konsegwenza għal aktar vandaliżmu lil dan il-post. Fi snin preċedenti l-Kunsill Lokali Ta' Sannat ġa nefaq diversi ammonti ta' Ewro biex isiru diversi studji.

***Rinovar tal-Latrini Pubbliċi fi Triq Sannat***

Il-latrini pubbliċi fi Triq Sannat kienu jinsabu fi stat antikwat u kien qed jinħela ħafna ilma lejl u nhar speċjalment mill-pixxini tal-irġiel u anke dawl. Għal dan il-kontijiet kienu jittħalsu mill-Ministeru għal Ghawdex fejn l-amministrazzjoni (il-ftuħ filgħodu u l-egħluq filgħaxija u t-tindif) kienet f'idejn il-Kunsill b'kuntratt. Għalhekk l-Kunsill Lokali ħa l-inizjattiva biex jitqabbad Perit biex din tiġi rinovata. Ġie maqbul bix issir latrina għal pesuni bi bzonijiet specjali u kellha ssir DNO mall-MEPA. Wara l-Kunsill ħareġ il-kwotazzjonijiet dawk tal-madum u materjal sanitarju, electician u plumbing, bibien, twieqi u partitions tal-aluminjum kif ukoll dak tat-twaħħil tal-madum u tikħil. Fil-bidu kien sar ftehim mall-Ministeru li kien ser jgħin bil-ħaddiema tiegħu fix-xogħol għal dan ir-rinovar pero minn dan ma sar xejn ħlief biex jibda x-xoghol tat-tkissir tal-madum tal-ħitan u tal-art. Twaqqa l-ħajt tad-divizzjoni tal-latrina bejn dak tal-irgiel u tan-nisa, ċkienet il-parti tal-irġiel u tkabret dik tan-nisa, fejn fuq quddiem saru tlett bibien. Bieb għan-nisa, bieh iehor għal pesuni bi bżonijiet speċjali u bieb ieħor għall-irġiel. B'hekk ix-xogħol beda f'Lulju. Issa din il-latrina tlestiet u dan l-abużż ta' ħela ta' ilma u dawl spiċċa darba għal dejjem meta għanda latrini ġodda b'sensors kemm fil-pixxini tal-irġiel u anke għal użu tad-dawl filgħaxija.

***Loans fuq il-binja tal-Uffiċċju Amministattiv***

Matul din is-sena ukoll il-Kunsill baqa jħallas għall-loans tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv. Għal din is-sena s-somma kienet ta' €17332.42ċ.

***Kuntratti***

Fis-sena 2014 il-Kunsill kellhu dawn il-Kuntratti biex ir-residenti jkunu moqdija bl-aħjar servizzi. Dawn kienu:

- Ġbir ta' skart domestiku kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt
- Ġbir ta' skart reċiklat kull nhar ta' Tlieta
- Servizz ta' Bulky Refuse
- Tindif ta' toroq Urbani
- Tindif u manutensjoni tal-latrini pubbliċi fi Triq Sannat
- Tindif u manutensjoni tal-Playing field fi Triq Marziena
- Tindif u manutensjoni tal-Ġnien tal-Bidwi
- Tindif u manutensjoni ta' soft areas – Triq 28 t' April 1688, Recreational area Triq id-Daħla taċ-Ċnus u Triq Skerla
- Bdil u manutensjoni tal-lampi fit-toroq, inkluż twaħħil ta' lampi ġodda.

***Attivitajiet Kulturali, Soċjali u Edukattivi***

Fuq dan il-qasam il-Kunsill Lokali baqa jaħdem sabiex ikompli jorganizza u anke jżid dawn l-attivitajiet. B'dan kollu, l-opportunita lejn iż-żgħażagħ u r-residenti tal-lokal baqgħet tkompli tikber biex jesprimu t-talenti tagħhom. Fost l-attivitajiet li saru matul 2014 kienu:

- Il-Karnival (biss waqt l-attivita' kellu jitwaqqaf minħabba l-maltemp)
- Jum Sannat u Premju Ġieh Sannat fejn din is-sena rat ir-rebħ tal-premju s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita V.M.
- Sannat Motor Show
- Saret għajnuna bil-kollaborazzjoni ta diversi għaqdiet volontarji tar-raħal fil-ġimgħa tal-festa tal-patruna Ta' Sannat
- Kors fl-introduzzjoni tal-Accounts
- Logħob mingħajr konfini
- Jum Dinji tat-tfal
- Rock Legends
- Attivitajiet tal-Milied u l-ewwel tas-Sena
- Diversi ħarġiet kulturali u edukattivi f'Għawdex u f'Malta

Philip Vella
Sindku

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv